Dok 'A'

**Kunsill Lokali - Il-Fgura**

# Rapport Amministrattiv
# Sena 2016

Il-Werrej


1.0 Il-Kunsill……………………………………………………… 2
1.1 Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill…………………………... 2
1.2 Kunsilli Lokali taż-żgħażagħ................................................. 2

2.0 Il-Ħidma tal-Kunsill……………………………………………….. 2
2.1 Ilmenti u Suġġerimenti………………………………………….. 3
2.2 Kuntatt……………………………………………………………. 3
2.3 Xogħol ieħor……………………………………………………… 4
2.4 Jum il-Fgura……………………………………………………… 4
2.5 Xogħolijiet Infrastrutturali.........……………......……………... 4
2.6 Live Streaming......................................................................... 4
2.7 Milied......................................................................................... 4
2.8 Żieda ta' parkeġġi…………………………………………………5

3.0 Finanzi.......................................................................................5

4.0 Konklużjoni……………………………………………………….. 6

ANNESS 1 – Rapport Finanzjarju għas-sena 2016…...............................7

### 1.0 Il-Kunsill

Il-Kunsill Lokali tal-Fgura, raħal b'popolazzjoni ta' madwar **12,000** huwa magħmul minn disa' kunsillieri eletti. L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet kollha skont l-Att XV tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, kienet immexxija mis-Segretarju Eżekuttiv bl-assistenza ta' erba' impjegati skrivani fix-xogħol tal-Uffiċċju.

Biex jgħinu fil-ħidma tiegħu, il-Kunsill jaħtar Kumitati/Sotto Kumitati, bil-għan li jipproponu, jiddiskutu u jassistu lill-Kunsill fit-tħejjija tal-pjani tiegħu sabiex ikunu mwettqa dawk ir-responsabbiltajiet fdati lill-Kunsill, bħala Gvern Lokali. Il-Kumitat tal-Finanzi, u s-Sotto Kumitati għall-Immaniġġjar u s-Senjalazzjoni tat-traffiku flimkien ma' dak tal-Uffiċċji Amministrattivi, jitlaqqgħu perjodikament għal dan l-iskop.

Il-Kunsill elett matul din il-leġiżlatura beda jopera b'effett mill-1 ta' April, 2013. Din il-leġiżlatura hija ppjanata li jkollha terminu ta' sitt snin, jiġifieri sas-sena 2019, bħala parti minn proċess li se jġib it-terminu ta' leġiżlatura, dak ta' ħames snin għal kull Kunsill Lokali.

### 1.1 Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill.

Bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2016 nżammu 15-il laqgħa li tlieta minnhom kienu b'urġenza. L-attendenza kienet hekk kif murija fit-tabella t'hawn taħt:

## Tabella tal-attendenza tal-Kunsillieri

L-attendenza tal-Kunsillieri matul is-sena 2016

| Kunsillieri | Laqghat | Prezenti | Skuzat/a | Assenti | % ** |
|---|---|---|---|---|---|
| Is-Sindku Byron Camilleri | 15 | 15 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Vici Sindku Pierre Dalli | 15 | 14 | 1 | 0 | 93% |
| Il-Kunsillier Charles Bonello | 15 | 11 | 4 | 0 | 73% |
| Il-Kunsillier Ray Deguara | 15 | 15 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Kunsilliera Ryan Ellul | 15 | 12 | 3 | 0 | 80% |
| Il-Kunsillier Mark Lombardo | 15 | 14 | 1 | 0 | 93% |
| Il-Kunsillier Jesmond Zammit | 15 | 11 | 4 | 0 | 73% |
| Il-Kunsillier Rene Zammit | 15 | 6 | 7 | 2 | 40% |
| Il-Kunsillier Saviour Camilleri | 15 | 12 | 3 | 0 | 80% |

** Persentaġġ maħdum fuq il-laqgħat li għalihom il-Kunsillier kien preżenti

### 1.2 Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ

Il-Kunsill Lokali sa minn dejjem emmen fit-talenti taż-żgħażagħ u ħadem bis-sħiħ biex dan il-proġett jitwettaq. Dan il-proġett jispeċifika sewwa sew fuq it-tema tar-relazzjonijiet abbużivi u li jinkludi fih diska li ġġib it-titlu ta' 'Use, Re-Use and Abuse'. L-iskop aħħari tad-diska huwa li twassal messaġġ ta' pożittivita' permezz tal-lirika tagħha. Inkluż fil-proġett għandna wkoll, monument ċkejken li wkoll l-istruttura tiegħu tissimbolizza t-tama għall-għaqda. L-għan aħħari tal-proġett innifsu huwa li jwassal aktar għarfien fuq din it-tip ta' vjolenza u li jolqot lill-persuni li qed isoffru jew dawk li qed jikkawżaw din is-sitwazzjoni. Il-Viżiv tad-diska huwa wieħed sempliċi iżda li fl-istess ħin juri t-tbatija li jġib miegħu dan l-abbuż. Il-Movimenti li jidhru fih huma wkoll b'tali mod li jwasslu l-messaġġ ta' pożittivita'. Ta' min wieħed jirrimarka li l-proġett jitratta l-iktar l-abbuż domestiku għall-fatt li sfortunatament minkejja li l-pubbliku jaf b'din is-sitwazzjoni m'huwiex mgħarraf biżżejjed li għad hawn numru sostanzjali t'individwi li jgħaddu minn din is-sitwazzjoni. Ħaġa oħra pożittiva hija li involva fih numru ta' żgħażagħ li fuq ix-xewqa tal-istess Kunsill ħdimna flimkien bl-enerġija żagħżugħa nħoloq dan il-proġett. Iż-żgħażagħ li ppparteċipaw fil-proġett huma Ryan Attard bħala s-Sindku taż-żgħażagħ, Petrie Kitcher, Therese Lia, Nicole Galea, Gabriel Paul Farrugia, Sacha Marie Pace u Renita Agius il-Youth Worker li kienet responsabbli minn dan l-istess proġett.

### 2.0 Il-Ħidma tal-Kunsill

Matul is-sena kalendarja 2016 saru **15-il laqgħa tal-Kunsill**, li jinkludu tlett laqgħat li saru b'urġenza. Matul dawn il-laqgħat ġew imressqa **205 mozzjoni**.

Intbagħtu mat-**12,875 ittra** u korrispondenza oħra, filwaqt li ġew iproċessati mal-**2375 permessi** dwar xogħolijiet varji fil-lokal. Il-permessi kienu jinkludu dawk relatati ma' krejnijiet, *scaffoldings*, attivitajiet, tqegħid ta' skips u tħaffir ta' toroq. Kwalunkwe' ċittadin għandu l-faċilita' li jiġbor diversi applikazzjonijiet mill-Uffiċċju tal-Kunsill.

### 2.1 Ilmenti u Suġġerimenti

Matul is-sena 2016, il-Kunsill irċieva **1024 Ilment u 114 Suġġeriment**. 73.94% tal-ilmenti ġew magħluqa, filwaqt li 26.06% baqgħu ma ġewx solvuti sal-aħħar tas-sena 2016. Dawn il-figuri jixhdu li l-Kunsill jirreġistra bir-reqqa kull ilment li jasallu, għalkemm ikun selettiv fir-reġistrazzjoni ta' ilmenti anonimi. Din is-sistema tgħin lill-Kunsill biex ikun iktar kontabbli fir-rigward tar-residenti u fl-istess waqt ikun jista' jżomm kontroll tal-ilmenti li jkunu għadhom pendenti.

Il-parti l-kbira tal-ilmenti ġew magħluqa permezz ta' xogħol imwettaq minn ħaddiema tal-Industrial Projects and Services Ltd. (IPSL). Din it-tabella turi dawn il-figuri msemmija fir-rigward tal-ilmenti u s-suġġerimenti għas-sena 2016.

| | **Ilmenti** | Persentaġġ | **Suġġerimenti** | Persentaġġ | |
|---|---|---|---|---|---|
| Magħluqa | 1024 | 73.94% | 114 | 85.72% | Magħluqa |
| Pendenti | 361 | 26.06% | 19 | 14.28% | Pendenti |
| Total | 1518 | 100% | 133 | 100% | Total |

### 2.2 Kuntatt

Bil-għan li jinżamm kuntatt mar-residenti, l-Kunsill ippubblika ħarġa tal-fuljett intitolat 'Mill-Kunsill'. Permezz ta' dan, il-Kunsill provda informazzjoni dwar l-attivitajiet relatati mal-festi tal-Ġimgħa l-Kbira. Saret ukoll konsultazzjoni mar-residenti dwar soluzzjonijiet li jkunu jistgħu jinstabu f'diversi mkejjen madwar il-lokalita', fosthom Konsultazzjoni dwar tqegħid ta' Sleeping Policemen fi Triq il-kampanella u Triq San Tumas.

Il-Kuntatt mar-residenti kompla jinżamm ħaj permezz ta' **tlett ħarġiet** li saru bi skop kulturali, rikreattiv jew edukattiv, hekk kif deskritt fil-lista segwenti:

a. 29/01/16 – Katakombi, Rabat
b. 22/06/16 – Verdala, Buskett
c. 11/12/16 - Ġurnata Għawdex Ċitadella u Għajnsielem

Saru tal-anqas 97 laqgħa li organizza l-Kunsill jew kien parteċipi fihom. Dawn kienu jinkludu laqgħat; tas-Sindki u l-Viċi Sindki; ma' Transport Malta, Laqgħat Reġjonali – Reġjun Xlokk, mal-Greenpak, mal-Perit u l-Accountant tal-Kunsill, mal-Inġinier u l-Perit tal-Uffiċini l-Ġodda, mas-Surmast tal-Iskola Primarja, mad-Direttur Ġenerali, mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, mal-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura l-Onor Joe Mizzi, mas-Segretarju Parlamentari l-Onor Stefan Buontempo fil-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, l-Onor Chris Agius Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, Innovazzjoni, Żgħażagħ u Sport u ma' diversi kuntratturi u entitajiet oħra.

### 2.3 Xogħol ieħor

(a) Ġewwa l-*Clubhouse* fi Pjazza Patri Redent Gauci, kull nhar ta' Ħamis, baqgħet tingħata l-faċilita' ta' *Free Help Outlet* fejn ħwejjeġ li jkunu għadhom tajbin jingħataw b'xejn minn donaturi, u dawk li jkollhom bżonn il-ħwejjeġ ikunu jistgħu jagħżlu minnhom u jieħduhom b'xejn. Din l-ideja ħadmet u l-konkorrenza hija tajba kemm minn dawk li joffru l-ħwejjeġ u anke minn dawk li jiksbuhom.

(b) Ġew organizzati Korsijiet Edukattivi fit-tagħlim tal-kompjuter – 3 D Printing li għalih kellna 4 applikanti (tfal) u Digital Literacy Course li għalih kellna 9 applikanti (adulti) . Dawn saru f'Awwissu 2016 għand il-Holistic

Technologies Limited fi Triq Amabile Sisner, Il-Fgura u kienu ssussidjati mill-Kunsill.

(c) Zumba u aerobic courses li saru darbtejn fil-gimgħa (it-Tnejn u l-Ġimgħa). Dawn saru fis-sala tal-iskola, u kienu organizzati u mħallsa mill-Kunsill Lokali Fgura.

(b) Intlaqgħu 3598 talba mir-residenti biex jinġabar Skart Goff (**Bulky Refuse**) minn wara l-bibien tad-djar residenzjali.

(c) Kien hemm 892 residenti li ħadu l-**vaċċin tal-influenza**. Dan immarka żieda ta' 138 persuna li wżaw dan is-servizz meta pparagunat mas-sena ta' qabel. Fl-2015 kien hemm 754 persuna li ħadu dan il-vaċċin.

(d) Kien hemm 15,875 ta' self ta' kotba mill-Librerija Pubblika.

(e) Sar xogħol ta' Plumbing u anke ta' electrical repairs fil-Librerija Pubblika.

(f) Inxtara Aircondition għal-Librerija Pubblika.

(g) Il-Kunsill għen ukoll fil-**formazzjoni edukattiva** tal-istudenti bil-għan li jesperjenzaw u jitgħallmu dwar il-ħidma tal-Kunsill. Żewġ studenti tal-MCAST intalbu jagħmlu xogħol volontarju fil-Librerija Pubblika.

## 2.4 Jum il-Fgura

It-Tlieta 25 ta' Ottubru s-Sede Kulturali u Soċjali tal-Fgura tellgħet serata mużiko-letterarja f'Ġieħ is-Sur Charles Magro.

Il-Ġimgħa 28 ta' Ottubru, itellgħet il-Festa tal-Ilsien Malti li kienet tikkonsisti f'ċelebrazzjoni tal-ilsien Malti b'kanzunetti bil-Malti mill-kantanta Corazon Mizzi u qari bil-Malti mill-attur Joe Galea fejn dan qara siltiet mix-xogħol ta' Trevor Zahra.

Fis-sena 2016, Jum il-Fgura sar Nhar il-Ħadd 30 ta' Ottubru, 2016, fejn sar korteo bil-parteċipazzjoni tal-għaqdiet tal-Fgura, minn Triq Hompesch lejn il-Knisja Parrokkjali fejn hemm ġiet iċċelebrata l-quddiesa ta' Radd il-Ħajr. Wara, f'Wesgħa Reggie Miller saret ċerimonja qasira, bil-parteċipazzjoni tal-għaqdiet tal-lokalita' u mill-kor '*Flower of Carmel* '. Kien hemm żewġ interventi qosra kemm mis-Sindku u mill-Kappillan Fr. Renald Lofreda O 'Carm.

## 2.5 Xogħolijiet Infrastrutturali

Sar xogħol ta' *Patching* fi Triq l-14 ta' Diċembru minn Dimbros Ltd.

Sar xogħol fuq partijiet ta' bankini mill-ġdid (jew modifikazzjoni) fi Triq San Tumas, Vjal Kottoner, Triq Liedna,Triq il-Kampanella, Triq Sant Antnin, Triq tal-Klerku, Triq l-Għarnuq, Sqaq Rjallu u Triq Mater Boni Consigli.

Saru Gutters fi Triq tax-Xemx u l-Qamar,Triq Tereza ta' Kalkutta u Triq il-Grawwa.

Saret tiswija ta' triq sfrondata f'Zabbar Rd k/m Triq San Tumas fejn it-Tip Top Fgura għal prezz ta' 1164.43 Euro minn SM Contractors għax-xogħol u 1132.56 Euro għall-materjal minn għand Andrew Vassallo General Trading Ltd.

Sar xogħol fuq Culvert fi Triq Giacomo Matteotti Fgura. L-ispiza fuq il-materjal u x-xogħol kienet ta' 100 Euro.

Sar xogħol fuq rain water pipes għall-post il-ġdid (Civic Centre) li sewa 1160 Euro.

## 2.6 Live Streaming

Il-Kunsill baqa' jxandar il-laqgħat tiegħu permezz tal-internet. Ix-xandir tal-Laqgħat tal-Kunsill huwa aċċessibbli permezz ta' dawn il-*links*:

- http://fguracam1.click2stream.com/
- http://fguracam2.click2stream.com/

## 2.7 Milied

(a) Bħas-snin ta' qabel il-Kunsill reġa' rama' Triq Hompesch u Triq Żabbar b'dekorazzjonijiet tal-Milied, u bis-siġra tal-Milied bi struttura tal-ħadid fir-*roundabout* ta' Wesgħa Kunsill tal-Ewropa. Din is-siġra hija għolja 14.12-il metru, b'bażi forma ta' skorfina li ġġib dijametru ta' 7.92 metri. Il-Kunsill b'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Festa Esterna kompla jżid dan l-armar permezz ta' presepju tal-injam u kif ukoll messaġġ t'awgurju, fejn dawn it-tnejn tal-aħħar tqegħdu fi triq Hompesch. Dawn it-tiżjin tal-Milied żejnu t-toroq tal-Fgura għal xahar sħiħ bejn is-18 ta' Novembru 2016 u s-6 ta' Jannar 2017.

Dawn id-dekorazzjonijiet tal-Milied intlaqgħu b'mod tajjeb mill-kommunita' tal-Fgura.

## 3.0 Finanzi

Ir-rapport finanzjarju għas-sena 2016 jinsab anness ma' dan ir-rapport bħala ANNESS 1. Hawn taħt wieħed għandu jsib tabella li tikkompara d-dħul u l-infiq għas-snin 2016 u 2015.

| | Perċentwali Total 2016 | SENA 2016 | Żieda jew Tnaqqis fuq is-sena ta' qabel | Perċentwali Total 2015 | SENA 2015 |
|---|---|---|---|---|---|
| | % | € | € | % | € |
| **Dħul** | | | | | |
| Mill-Gvern | 82.34 | 546,450 | 16,341 | 83.90 | 530,109 |
| Dħul ieħor mill-Gvern | 1.44 | 9,586 | -728 | 1.63 | 10,314 |
| Dħul Supplimentari | 8.07 | 53,588 | 25,894 | 4.38 | 27,694 |
| Grants Released | 2.77 | 18,375 | -1,971 | 3.22 | 20,346 |
| Minn Bye Laws | 2.97 | 19,729 | 3,434 | 2.58 | 16,295 |
| Mis-sistema ta' infurzar legali | 1.60 | 10,628 | -1,267 | 1.88 | 11,895 |
| Ġenerali | 0.81 | 5,299 | -9,869 | 2.40 | 15,168 |
| **Total** | 100 | **663,655** | 31,834 | 100.00 | **631,821** |
| **Infiq** | | | | | |
| Is-Salarji | 23.89 | 132,499 | -183 | 24.22 | 132,682 |
| Manutenzjoni u Xogħolijiet | 5.49 | 30,436 | -1,650 | 5.86 | 32,086 |
| Servizzi Kuntrattwali | 37.58 | 208.483 | 5,459 | 37.07 | 203,024 |
| Amministrazzjoni u Spejjeż oħra | 33.04 | 183,348 | 4,999 | 32.56 | 178,349 |
| Dħul u Spejjeż oħra | 0 | 0 | -1,589 | 0.29 | 1,589 |
| **Total** | 100 | **554, 766** | 7,036 | 100.00 | **547,730** |
| **Surplus** | | 108,889 | 24,798 | | 84,091 |

## 4.0 Konklużjoni

Nagħlaq dan ir-rapport amministrattiv billi nirringrazzja lill-impjegati u lill-ħaddiema tal-Kunsill, tal-kollaborazzjoni tagħhom, għaliex dan ix-xogħol kollu maħsub u ppjanat mill-Kunsill seta' jitwettaq biss permezz tal-ħidma tagħhom.

Beverly Saliba
Segretarju Eżekuttiv

**ANNESS 1** – Rapport Finanzjarju għas-sena 2016